



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.11.2011
SEG(2011) 1434 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-ISTIMA TAL-IMPATT
li jintegra rekwiżiti ta' valutazzjoni ex-ante**

li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament emendat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija

{KUMM(2011) 817 finali}
{SEG(2011) 1433 finali}

1. Sfond

L-EIT ġie stabbilit biex jimla nuqqas fix-xena Ewropea u b'għan ċar: jippromwovi l-innovazzjoni permezz tal-integrazzjoni sħiħa tat-triangolu tal-għarfien (ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni). L-EIT huwa inizzjattiva ġdida f'livell tal-UE li jorbot b'mod espliċitu ċ-ċiklu ta' innovazzjoni sħiħ mill-edukazzjoni u l-ħolqien tal-għarfien sal-opportunitajiet ġodda fis-suq u l-ħolqien tan-negozji. L-EIT huwa karatterizzat minn żewġ prinċipji ewlenin: **organizzazzjoni indipendenti tal-EIT**, (la l-Kummissjoni u lanqas ir-rappreżentanti mill-Istati Membri ma huma membri tal-Bord Governattiv tal-EIT) li torganizza l-proċess ta' għażla tal-KICs, tikkoordinahom ma' qafas flessibbli u xxerred mudelli tal-aħjar governanza u finanzjament mill-KICs; u **KICs awtonomi**, li jiddefinixxu l-organizzazzjoni interna, il-kompożizzjoni, l-aġendi u l-metodi ta' ħidma tagħhom.

Bħala aġenzija u b'kuntrast mal-programmi, l-EIT ma għandux azzjonijiet iżda jimplimenta l-attivitajiet tiegħu l-aktar permezz tal-KICs li huma msieħba integrati u fuq żmien twil, stabbiliti għal perjodu ta' bejn seba' u 15-il sena fuq oqfsa finanzjarji varji. Il-KICs għandhom status legali. L-ewwel tliet KICs intgħażlu fl-oqfsa tal-adattament u l-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima (ClimateKIC), is-soċjetà tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-ġejjieni (ICT Labs) u l-enerġija sostenibbli (InnoEnergy). Il-KICs huma preżentati aktar fid-dettall fl-Annessi.

L-EIT għandu kontribuzzjoni baġitarja mill-UE ta' EUR 309 miljun għall-perjodu bejn l-2008 u l-2013. L-EIT uża l-ammonti kollha allokatu fl-2009 u fl-2010 (5,6 miljuni u 26 miljun rispettivament) u huwa mistenni li juża l-55 miljun allokatu fl-2011. Din hija kisba importanti meta wieħed iqis il-volum kbir ta' trasferimenti u annullamenti ta' approprjazzjonijiet operattivi tal-aġenziji tal-UE speċjalment fl-ewwel snin ta' eżistenza tagħhom (ara r-Rapport tal-Qorti tal-Awdituri).

L-EIT huwa rifless fl-UE2020 u fi proġetti ewlenin u inizzjattivi bħal pereżempju:

- Il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni għall-Innovazzjoni
- Il-Komunikazzjoni Żgħażaġġ Attivi
- Il-Modernizzazzjoni tal-Aġenda tal-Edukazzjoni Oġhla
- Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Politika Reġjonali dwar it-tkabbir intelliġenti

2. Definizzjoni tal-problema

L-innovazzjoni tqiegħdet fl-ewwel pożizzjoni tal-aġenda tal-politika tal-UE għal raġuni valida. Għadd ta' sfidi u ostakoli għadhom iwaqqfu l-kapaċità tal-innovazzjoni fl-Ewropa u l-abbiltà tagħha li tindirizza sfidi tas-soċjetà kumplessi b'mod sostanzjali. Dan għandu implikazzjonijiet għall-kompetittività kontinwa ta' ditti, Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Oġhla u Istituzzjonijiet tar-Riċerka madwar l-UE u, fl-aħħar mill-aħħar għall-benesseri taċ-ċittadini tal-UE fl-impjiegi, fis-soċjetà, fl-ambjent u fl-ekonomija. L-EIT ġie stabbilit biex jappoġġa l-indirizzar ta' dawn l-isfidi. L-isfidi msemmijin fil-Horizon 2020, l-ewwel Valutazzjoni tal-Impatti tal-EIT u l-pożizzjoni tal-EIT fil-pajsaġġ tal-innovazzjoni jippermettu li jiġu identifikati l-motivazzjonijiet sottostanti:

- kapaċità dgħajfa biex jiġu żviluppati, jinġibdu u jinżammu individwi b'talent;

- sistema ta' innovazzjoni frammentata;
- l-użu fqir ta' qawwiet eżistenti fir-riċerka biex jinkiseb valur ekonomiku jew soċjali;
- livell baxx ta' attività tal-intraprenditorija, b'mod partikolari fl-istabbiliment ta' negozji bil-potenzjal li jikbru ħafna u fil-profitt mill-valur tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni.

L-**isfida tat-talent** hija karatterizzata mill-fatt li l-Ewropa qed tiffaċċja problemi serji fil-ġibda, iż-żamma u l-iżvilupp ta' riżorsi umani kwalifikati. Dan huwa aggravat mill-fatt li l-kompetizzjoni dinjija għall-istudenti li qed jagħmlu studji wara l-lawrja u r-riċerkaturi qed tiżdied billi l-ekonomiji emerġenti għandhom rwol aktar u aktar importanti.

L-Unjoni tal-Innovazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tenfasizza l-ħtieġa li jinkiseb aktar valur għall-flus u li tiġi indirizzata l-**frammentazzjoni**. Għandu jkun hemm rabta aħjar bejn is-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u nazzjonali u l-prestazzjoni tagħhom għandha titjeb.

Hemm potenzjal eċċellenti fl-istruttura Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni, provdut minn serje ta' ċentri ta' eċċellenza li ħarġu. Madankollu, hemm lok għat-**titjib tal-użu ta' din l-eċċellenza**.

L-Ewropa **ġeneralment jonqosha l-kultura tal-intraprenditorija** li tikkaratterizza l-Istati Uniti jew l-ekonomiji Asjatiċi emerġenti. Raġuni ewlenija għal dan tista' tkun l-attitudnijiet differenti lejn ir-riskju, li jitqies bħala fattur determinanti tal-intraprenditorija. Barra minn hekk, fl-Ewropa, il-kunċett tal-mentalità intraprenditorjali hija ristretta għall-iskejjel tal-kummerċ u l-korsijiet tal-ekonomija.

L-evalwazzjoni indipendenti tal-EIT ikkonfermat il-kunċett u l-għanijiet ġenerali tal-EIT iżda għamlet referenza għal xi kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-EIT wara t-tnedija tiegħu. Fil-valutazzjoni ta' kemm l-EIT kiseb l-għan globali tiegħu li jżid l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri, l-evalwazzjoni wriet li l-impatt tal-EIT fl-istrutturar tal-innovazzjoni madwar l-Ewropa huwa limitat minħabba fatturi bħan-nuqqas tal-massa kritika, in-nuqqasijiet amministrattivi u l-ekonomiji ta' skala limitati relatati ma' ambitu limitat ta' attivitajiet. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li dawn il-kwistjonijiet kollha huma relatati mal-implimentazzjoni tal-EIT.

3. **Sinerġiji, komplementarjetajiet u Valur Miżjud tal-UE**

Fil-Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Horizon 2020), il-Kummissjoni identifikat tliet pilastru komplementarji u interkonnessi: L-eċċellenza fix-xjenza; L-indirizzar tal-isfidi soċjetali; Il-ħolqien ta' oqfsa għat-tmexxija industrijali u kompetittivi. Il-promozzjoni ta' edukazzjoni innovattiva u ta' mentalitajiet intraprenditorjali hija dimensjoni partikolarment unika u l-kontribuzzjoni ewlenija tal-EIT fit-tliet pilastru tal-Horizon 2020. Bħala parti mill-Horizon 2020, l-EIT ġie inkluż fil-pilastru "L-indirizzar tal-isfidi soċjetali", permezz tal-attivitajiet tal-innovazzjoni tiegħu u l-integrazzjoni tiegħu fit-triangolu tal-għarfien. Madankollu, minħabba n-natura integrata u transversali tiegħu, għandhom jinsabu sinerġiji ma' pilastru oħrajn ukoll, b'mod partikolari l-pilastru tal-"kompetittività". Qegħdin jiġu żviluppanti rabtiet fl-livell tal-KIC ma' inizjattivi oħrajn, u dawn jidhru f'bosta modi, minn KIC għal KIC u minn sfida għal sfida.

Billi l-Horizon 2020 ma jkoprix l-attivitajiet tal-edukazzjoni lil hinn mill-EIT, l-EIT għandu kontribuzzjoni partikolari x'jagħmel lill-għanijiet tal-Horizon 2020 permezz ta' edukazzjoni innovattiva u intraprenditorjali filwaqt li jkollu rwol ta' konnessjoni bejn il-Qafas tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-politiki u l-programmi tal-edukazzjoni. F'dan il-kuntest, l-EIT se jikkontribwixxi għall-kisbiet tal-Qasam Ewoprew tal-Edukazzjoni Ogħla. B'mod partikolari, permezz ta' lawrji transdixxiplinarji jew interdixxiplinarji bit-tikketta tal-EIT, l-EIT qed imexxi sforz kollaborattiv lejn l-edukazzjoni għall-innovazzjoni b'effetti sekondarji ċari fuq l-aġenda Ewropea aktar wiesgħa għall-modernizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla.

Barra minn hekk, l-EIT jista' jikkontribwixxi lill-Qafas ta' Koeżjoni billi jindirizza r-rabtiet bejn l-aspetti lokali u globali tal-innovazzjoni. Iċ-ċentri ta' kolokazzjoni jipprovdu kollaborazzjoni transkonfinali fi ħdan in-netwerks tal-KIC u barra minnhom u huma f'pożizzjoni tajba biex jikkapitalizzaw u jibbenefikaw minn bosta skemi ta' finanzjament mir-reġjuni rispettivi tagħhom. Permezz taċ-ċentri ta' kolokazzjoni, l-EIT u l-KICs għandhom impatt territorjali qawwi u joffri elementi importanti tal-valur miżjud Ewropew flimkien mal-iżvilupp ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u r-raggruppamenti.

In-natura Ewropea tal-EIT toffri elementi qawwi ta' valur miżjud tal-UE. Bħalissa, l-EIT huwa l-unika inizjattiva tal-UE li jorbot b'mod espliċitu ċ-ċiklu ta' innovazzjoni sħiħ mill-edukazzjoni u l-ħolqien tal-għarfien sal-opportunitajiet ġodda fis-suq u l-ħolqien tan-negozji. Dan qed jibda juri għadd ta' kisbiet potenzjali fl-effiċjenza, kif ġie ssuġġerit fl-evalwazzjoni esterna tal-EIT¹. Lanqas inizjattivi oħra tal-UE ma għandhom l-istess dimensjoni istituzzjonali.

L-EIT għandu l-għan speċifiku li jikseb valur miżjud flivell tal-UE billi:

- Jibni mudelli ta' innovazzjoni ġodda permezz ta' sħubiji integrati dinjija fit-tul;
- Jegħleb il-frammentazzjoni u jgħaqqad l-oqsma ta' eċċellenza madwar l-UE kollha;
- Iħeġġeġ l-intraprenditorija permezz tal-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien;
- Irawwem it-talent 'il barra mill-fruntieri;
- Jaħdem b'approċċ ibbażat fuq ir-riżultati;
- Jkollu karattru sperimentali;
- Jagħti spinta fl-investment privat.

4. Għanijiet

L-evalwazzjoni esterna tal-EIT ivvalidat il-kunċett tal-EIT u l-għan tiegħu li jikkontribwixxi għat-titjib tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-UE billi jinvolvi lill-organizzazzjonijiet imsieħba fl-attivitajiet integrati tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni fl-aktar standards għoljin. L-ambizzjoni tal-EIT li jsir mudell għall-qasam Ewropew tal-Innovazzjoni, ir-Riċerka u l-Edukazzjoni billi jiġġenera innovazzjonijiet f'oqsma ta' interess ekonomiku jew soċjetali ewlieni għadha xierqa. Mill-introduzzjoni tal-EIT, l-importanza tal-appoġġ tal-UE għall-indirizzar tal-isfidi soċjetali żdiedet fis-sinifikat tagħha. L-intervent pubbliku huwa ġustifikat bis-sħiħ

¹ http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/evalreports/index_en.htm#educationHeader

minħabba l-livelli attwali ta' nuqqas tas-suq u n-nuqqas ta' inċentivi għad-ditti biex jimpenjaw irwieħhom fl-innovazzjoni u biex jindirizzaw l-isfidi soċjetali.

B'konformità sħiħa ma' inizjattivi oħrajn tal-UE, l-għanijiet ġenerali tal-EIT huma li:

- Jikkontribwixxi għall-infurzar tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-UE billi jippromwovi l-formazzjoni ta' sħubiji integrati u kolokati li jgħaqqdu l-attivitajiet tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni u li jaġixxu bħala eżempji rikonoxxuti madwar id-dinja kollha għal mudelli ġodda tal-innovazzjoni;
- Iwettaq azzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi soċjetali ewlenin permezz tal-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u servizzi ġodda bl-aktar standards internazzjonali għoljin.

Xi għanijiet speċifiċi oħra jappoġġaw l-għanijiet ġenerali msemmijin hawn fuq:

- L-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien (tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni) biex jinħoloq valur ekonomiku u soċjali u biex jissaħħu l-benefiċċji minn livelli akbar ta' kollaborazzjoni u kooperazzjoni.
- It-tishiġ tal-attrattività u r-rilevanza kummerċjali tal-edukazzjoni wara l-lawrja; opportunitajiet għall-ġibda, l-iżvilupp u ż-żamma tal-ħiliet xierqa;
- L-użu tal-potenzjal minsi tal-qawwiet tal-UE fir-riċerka biex ikun hemm aktar qligħ fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol;
- L-iżvilupp ta' rabtiet kollaborattivi effettivi bejn iċ-ċentri tal-eċċellenza biex tinħoloq massa kritika għall-innovazzjoni u l-edukazzjoni avvanzati;
- Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' prodotti u proċessi innovattivi fejn il-fallimenti fis-suq iwasslu għal provvista subottimali;
- It-tishiġ tal-kapaċità għall-intraprenditorija madwar l-UE biex tiholoq attività ġdida tan-negozju u aktar twettiq tal-valur potenzjali tar-riżultati tar-riċerka u tal-edukazzjoni;
- It-tishiġ taċ-ċentri eżistenti u potenzjali tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-eċċellenza edukattiva fl-UE biex jiġu prodotti ċentri ta' attività kompetittivi fuq skala dinjija b'reputazzjonijiet dinjija għall-eċċellenza;
- L-indirizzar tad-diskrepanzi fil-kapaċità tal-innovazzjoni madwar l-UE kollha permezz tal-iżvilupp u l-qsim tal-għarfien tal-benefiċċji tal-mudelli ġodda tal-prattiċi tal-innovazzjoni u l-governanza.

Filwaqt li jindirizza l-għanijiet speċifiċi tiegħu, l-għanijiet operattivi tal-EIT huma ggwidati mill-ħtieġa li tinkiseb massa kritika tal-KICs permezz tal-konsolidament u l-espansjoni; li tissaħħa l-effikaċja u l-kapaċità amministrattivi permezz tal-provvista ta' funzjonijiet ta' appoġġ għall-KIC, miżuri ta' simplifikazzjoni, servizzi mmirati u strateġija globali inkluża l-internazzjonalizzazzjoni; li jitjiebu u jiġu estiżi l-attivitajiet tal-EIT inkluż t-tixrid bl-għan li jinkisbu ekonomiji ta' skala.

5. Alternattivi ta' politika

Għadd ta' alternattivi għall-iżvilupp tal-EIT tqiesu qabel it-tnejja tiegħu fl-2009 u ġew soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt². Ma kien hemm l-ebda bidla sinifikanti fl-kuntest biex tkun meħtieġa stqarrija mill-ġdid ta' dawk l-alternattivi li ġew rifjutati u għalhekk il-VI attwali ma tqisx dawk l-alternattivi rifjutati aktar³. Minflok, l-Alternattivi ppreżentati jibnu fuq l-esperjenza miksuba fl-ewwel sentejn tal-attivitajiet tal-EIT. L-Alternattivi huma gwidati mill-għanijiet imsemmijin hawn fuq.

Ġew analizzati tliet Alternattivi:

Alternattiva 1. Għeluq

Alternattiva waħda għall-EIT tista' tkun li twaqqaf l-attivitajiet tagħha. Din hija l-alternattiva "stop" u l-attivitajiet kollha tal-EIT jitqiesu li waqfu. Kwalunkwe estensjoni tal-attivitajiet tal-KICs tkun dipendenti fuq l-abbità tagħhom li jiżguraw il-fondi biex jissostitwixxu dawk li ntilfu mit-twaqqif tal-EIT. Huwa meqjus improbabli li t-tliet KICs ikunu jistgħu jkomplu l-attivitajiet minħabba li l-evalwazzjoni tal-EIT sabet li għadhom ma kinux indipendenti finanzjarjament. Xi attività residwa tista' tinżamm u s-suppożizzjonijiet ta' dan huma inklużi fl-eżerċizzju tal-valutazzjoni. L-ebda inizjattiva eżistenti oħra fl-livell tal-UE ma tista' tappoġġa l-integrazzjoni fuq żmien twil ta' riċerka, edukazzjoni u innovazzjoni eċċellenti sabiex tindirizza l-isfidi soċjetali speċifiċi. Barra minn hekk, ir-rwol li għandu jkollu l-EIT fit-tixrid tal-prattiki tajbin tal-innovazzjoni ma jiġix sodisfat.

Alternattiva 2. Xenarju bażi

It-tkomplija bit-tliet KICs eżistenti tippermetti lill-EIT jikkonsolida l-attivitajiet tiegħu u jiffoka fuq għadd limitat ta' oqsma prijoritarji. F'dan ix-xenarju bażi, ix-xejra eżistenti ta' attività tal-EIT u tal-KICs hija preżunta li tkompli fuq xejra u skala simili. L-Alternattiva ma tinvolvi espansjoni tal-fondi lill-EIT iżda tkompli fuq il-baġit eżistenti. Kwalunkwe espansjoni tal-attività mill-KICs tkun riżultat tal-abbiltà tagħhom li jiżguraw finanzjament addizzjonali.

L-attivitajiet tal-EIT ikompli fuq il-livell preżenti (ippjanat). Dan jinkludi attivitajiet relatati mal-intraprenditorija u gruppi ta' ħidma li jiġbru flimkien il-parteċipanti tal-KICs. B'din l-Alternattiva, il-KICs il-ġodda setgħu biss jiġu stabbiliti ladarba KIC eżistenti tkun waqfet tirċievi fondi mill-EIT. Dan iżomm baġit konsistenti u jżomm il-ħidma ta' tliet KICs appoġġati mill-UE. Il-marka tal-EIT u tal-KICs fuq l-innovazzjoni Ewropea se tkun limitata minħabba n-nuqqas ta' massa kritika biex ikun hemm impatt notevoli (cf. għalkemm ma hemm l-ebda kunsens fuq

² http://eit.europa.eu/fileadmin/Content/Downloads/PDF/Official_documents/impact_en.pdf

³ Ġew diskussi ħames alternattivi: 1) l-EIT Ċentralizzat li jkun istituzzjoni ggovernat b'mod ċentrali li jwettaq attivitajiet ta' riċerka, edukazzjoni u innovazzjoni direttament u li huwa direttament responsabbli għall-ġestjoni tal-KICs; 2) l-EIT Distribwit fejn l-EIT huwa korp ta' finanzjament iżda l-KICs ikunu awtonomi u jwettqu attivitajiet ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni direttament; 3) l-EIT Integrat li huwa jgħaqqad l-Alternattivi 1) u 2) flimkien u fejn il-Bord Governattiv tal-EIT jistabbilixxi l-istrateġija globali, jagħżel, jevalwa u jimmonitroja l-KICs iżda l-KICs ikunu awtonomi biex jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom; 4) l-EIT tal-Iffinanzjar u l-Ittikkjetjar fejn l-EIT jagħxi bħala korp ta' finanzjament u jagħti t-tikketta tal-EIT fuq il-baġi tal-eċċellenza; 5) l-Istatus-quo (alternattiva "mingħajr EIT"). Ġew esklużi wkoll żewġ alternattivi matul dan l-ewwel proċess ta' valutazzjoni, li huma; a) L-istituzzjoni unika green field u b) In-netwerk ta' organizzazzjonijiet. L-alternattiva tal-politika 3 kienet l-għażla preferuta. L-eżerċizzju tal-Valutazzjoni tal-Impatt jiddikjara li "Din l-alternattiva għandha l-għan li tikseb bilanċ bejn l-alternattiva 1 u l-alternattiva 2 filwaqt li żżomm il-benefiċċji tat-tnejn u tevita l-iżvantaġġi tagħhom" (p. 32).

x'jikkostitwixxi massa kritika, il-maġġoranza tal-persuni li wieġbu ħasbu li numru bejn 6 u 10 KICs jista' jkun skala xierqa għall-ġejjieni).

Alternattiva 3. Tkabbir gradwali u attivitajiet estiżi

B'din l-Alternattiva għadd ta' KICs ġodda jitnedew mill-EIT, u għalhekk jkun kopert għadd akbar ta' oqsma prijoritarji. Il-baġit għal kull KIC għdid ikun bejn wieħed u ieħor l-istess bħal dak li huwa attwalment applikat għall-KICs eżistenti. Fuq il-bażi tal-analiżi tal-istudju ta' appoġġ għal din il-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ekonomiji ta' skala u l-proposti tal-EIT għall-ġejjieni huwa meqjus li l-għadd totali ta' KICs jista' possibilment jiżdied sa disgħa sal-2020. Dan jippermetti lill-EIT jikseb l-impatt mistenni tiegħu fuq l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni u huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li kull KIC hija magħmula minn bejn ħames u sitt ċentri ta' eċċellenza (ċentri ta' kolokazzjoni), u li dawn iċ-ċentri jistgħu jieħdu sehem f'aktar minn KIC waħda, u b'hekk tintlaħaq massa kritika ta' madwar 50 ċentru ta' eċċellenza madwar l-UE kollha. Espansjoni oħra ta' aktar mid-disa' KICs tista' tikkomprometti l-prinċipju tal-eċċellenza dinjija, li huwa punt ewlieni tal-mudell tal-EIT.

L-attivitajiet attwali u pjanati tal-EIT ikomplu u jespandu sabiex jikkonsolidaw l-EIT bħala organizzazzjoni ta' taġlim fiha nnifisha. Dan jinkludi tixrid li jiżviluppa u strateġiji globali kif ukoll l-aġenda tal-"internazzjonalizzazzjoni" tal-EIT fir-rigward tar-relazzjoni tiegħu mal-pajjiżi terzi. Barra minn hekk, din l-alternattiva timplika li l-EIT jibda attivitajiet addizzjonali sabiex jestendi l-benefiċċji miksuba permezz tal-KICs lil udjenzi lil hinn minn dawk li huma involuti direttament fil-KICs. L-EIT jopera attivitajiet addizzjonali li jservu bħala rabta bejn id-ditti, l-istituti tar-riċerka, l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Oġhla u l-awtoritajiet pubbliċi li jinsabu f'żoni fejn il-kapaċità tal-innovazzjoni hija aktar dgħajfa. L-EIT jipprova jippromwovi l-iżvilupp tal-kapaċità tal-innovazzjoni f'dawn iż-żoni. Dan ma jinvolvi tnaqqis tal-kriterji ta' "eċċellenza" li huma applikati lill-KICs li ntgħażlu iżda jikkostitwixxi approfondiment tar-rwil tal-EIT.

6. Valutazzjoni tal-impatti

L-EIT huwa maħsub li jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni fl-UE u tal-Istati Memrbi sabiex tiżdied il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE u sabiex jiġu żviluppati innovazzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi soċjetali. L-EIT għandu l-potenzjal li jikseb tixrid qawwi u effetti istituzzjonali billi jidentifika u jxerred il-governanza tal-aħjar prattika u l-mudell ta' finanzjament mill-KICs, filwaqt li jiżgura li l-għarfien mill-KICs jinġabar, jiġi valorizzat u kapitalizzat madwar l-Unjoni u lil hinn minnha.

6.1. Impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali l-aktar rilevanti

Effetti ekonomiċi: L-effetti l-aktar qawwija jinsabu fl-attività tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-influwenza fuq il-flussi tal-investment. Il-mudell distribwit adottat għall-EIT iħeġġeġ il-flussi transkonfinali u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' żona Ewropea unika għall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Effetti soċjali: Il-benefiċċji soċjali jiżdiedu minħabba l-iżvilupp tal-innovazzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi soċjetali. L-Alternattivi se jappoġġaw ukoll il-modernizzazzjoni tal-Edukazzjoni Oġhla filwaqt li jstimulaw benefiċċji soċjali oħra.

Effetti ambjentali: Fl-aġhar sitwazzjoni dawn ikunu newtrali. Fl-aġhar sitwazzjoni, xi oqsma partikolari ta' attività jistgħu jipromwovu l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet li jipprvdu benefiċċji ambjentali pożittivi.

6.2. Valutazzjoni kwalitattiva ta' impatti sinifikanti

Innovazzjoni u Riċerka. Kull Alternattiva se tippromwovi livelli aktar qawwija ta' riċerka u innovazzjoni, u ttejjeb l-effiċjenza tal-isforz tal-innovazzjoni. Dan se jsir permezz tal-provvista tal-investment fl-attività tal-innovazzjoni. Barra minn hekk, l-Alternattiva 3 se tipprovdi benefiċċji pożittivi wkoll indirettament permezz tal-appoġġ tal-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' prattiċi aġjar fil-promozzjoni tal-innovazzjoni u fil-governanza tal-innovazzjoni.

Sistemi tal-edukazzjoni. L-Alternattivi 2 u 3 se jtejbu l-kwalità tal-provvista tal-edukazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-involviment tan-negozju, u l-provvista tal-edukazzjoni intraprenditorjali. L-Alternattiva 3 se tipprovdi wkoll xi impatti pożittivi billi tqajjem il-kuxjenza tal-prattika tajba f'dawk il-partijiet tal-UE li mhumiex qed jieħdu sehem direttament fl-EIT.

Suq intern u kompetizzjoni. Hemm potenzjal ta' impatt pożittiv għall-EIT, permezz tal-KICs, fuq il-moviment tal-ħaddiema, il-fluss tal-kapital u fuq għażliet aġjar għall-konsumaturi. L-impatti se jkunu aktar qawwija fl-Alternattiva 3 milli fl-Alternattiva 2 minħabba l-iskala akbar ta' attività f'din l-Alternattiva. L-Alternattiva 1 se jkollha xi impatt pożittiv residwu iżda huwa improbabbli li dan jaffettwa b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet tas-suq.

Kompetittività, kummerċ u investment. L-effett tal-EIT, permezz tal-KICs, fuq il-produttività x'aktarx ikun pożittiv fl-Alternattivi kollha. L-iskala tal-impatt se tkun akbar fl-Alternattiva 3 u l-inqas sinifikanti fl-Alternattiva 1. L-Alternattivi 2 u 3 x'aktarx li wkoll jagħtu benefiċċji fil-kompetittività globali tad-ditti u l-istituzzjonijiet involuti. L-attività tal-EIT se tipprovoka wkoll flussi ta' investment transkonfinali permezz tar-rilokazzjoni tal-attività ekonomika.

Konsumaturi u familji. L-Alternattivi 2 u 3 x'aktarx ikollhom impatt pożittiv, minkejja modest, fuq il-konsumaturi u l-familji billi jipprovdu oġġetti u servizzi ġodda.

Setturi u reġjuni speċifiċi. Minħabba l-approċċi multidixxiplinarji u krossdixxiplinarji adottati fil-KICs, bosta setturi x'aktarx li jimpenjaw irwieħhom mal-EIT. L-impatti reġjonali tal-EIT x'aktarx ikunu aktar sinifikanti. Ir-reġjuni u l-Istati Membri li huma s-sit għaċ-ċentri tal-kolokazzjoni se jkollhom opportunitajiet għal benefiċċji pożittivi permezz ta' ekonomiji ta' agglomerazzjoni u l-isfruttament tal-esternalitajiet pożittivi. Dan huwa validu għall-Alternattivi 2 u 3 biss. Barra minn hekk, l-Alternattiva 3, billi tipprova testendi l-kopertura tal-EIT għall-ġenerazzjoni ta' mudelli ġodda ta' governanza tal-innovazzjoni madwra l-UE, għandha l-potenzjal li tiġġenera benefiċċji pożittivi fir-reġjuni kollha tal-UE.

Pajjiżi terzi/relazzjonijiet internazzjonali. L-Alternattivi 2 u 3 huma meqjusa li għandhom il-potenzjal li jaffettwaw il-flussi tal-investment bejn l-UE u l-pajjiżi terzi permezz tal-ħolqien ta' ambjent aktar favorevoli għal dak l-investment. Iż-żewġ Alternattivi jistgħu jaġixxu wkoll biex jiġbdu flussi ta' studenti u riċerkaturi mill-pajjiżi terzi.

Ambjent makroekonomiku. L-Alternattivi kollha se jkollhom impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku. Dan se jseħħ kemm permezz tal-effetti sekondarji tad-domanda kif ukoll permezz tat-titjib pożittiv min-naħa tal-provvista. L-iskala tal-impatt se tkun akbar fl-Alternattiva 3 u l-inqas sinifikanti fl-Alternattiva 1.

Impjiegi u swieq tax-xogħol. L-Alternattivi kollha jiffaċilitaw il-ħolqien ta' impjiegi ġodda u jappoġġaw l-intraprenditorija. L-iskala tal-impatt se tkun akbar fl-Alternattiva 3 u l-inqas sinifikanti fl-Alternattiva 1. L-Alternattivi 2 u 3 se jappoġġaw ukoll il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol fl-UE permezz tat-tħeġġiġ tal-mobbiltà temporanja tax-xogħol biex jitwettqu attivitajiet tal-iskambju tal-għarfien.

Impatti ambjentali. L-Alternattivi 2 u 3 se jkollhom impatti pożittivi fuq il-klima; it-trasport u l-użu tal-enerġija; il-kwalità tal-arja; ir-riżorsi rinovabbli u mhux rinovabbli, u l-konsegwenzi ambjentali tad-ditti u tal-konsumaturi.

6.3. Suppożizzjonijiet baġitarji u valutazzjoni tal-kost-effettività

Sabiex jiġu valutati l-impatti tal-alternattivi varji, saru suppożizzjonijiet dwar id-dħul u l-infiq possibbli tal-EIT u l-KICs. Il-livelli globali tal-impatti se jvarjaw skont il-baġits disponibbli u t-tip ta' nefqa. L-istimi tal-baġit huma bbażati fuq iċ-ċiklu tal-ħajja tal-KIC⁴ u fuq il-prinċipju li KIC se tiġi ffinanzjata, bħala medja, sa 25 % tan-nefqa globali tagħha għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu (15-il sena). Is-suppożizzjonijiet huma kif ġej:

Alternattiva 1: L-ebda nefqa l-UE fuq EIT HQ jew KICs. Id-dħul u n-nefqa proprja tal-KICs mill-2014 sal-2020 huwa meqjus li huwa madwar terz tal-attività totali tal-KIC fl-2013. In-nefqa għalhekk hija l-akbar fis-snin bikrija u li għandhom tendenza li jkunu zero sal-2020. L-ebda dħul jew nefqa mill-EIT HQ.

Alternattiva 2: Id-dħul u n-nefqa tal-UE minn tliet KICs 2014-2020 jammontaw għal EUR 1 800 miljun. Din iċ-ċifra hija bbażata fuq suppożizzjonijiet tal-baġit meħtieġ biex jiġu konsolidati l-KICs eżistenti u baġit għall-EIT għall-ilħiq u t-tixrid, l-appoġġ ġenerali lill-KICs u n-nefqa amministrattiva tal-EIT. Matul il-perjodu mill-2014 sal-2020, il-kontribut tal-EIT lit-tliet KICs se jkopri l-aħħar snin tal-"fażi ta' żvilupp" tagħhom, u l-"fażi tal-kisba tas-sostenibbiltà". In-nefqa tar-riżorsi proprja tal-KICs għandha tilħaq madwar EUR 4 000 miljun. L-EIT HQ għandu jkollu dħul u nefqa fl-istess perjodu ta' madwar EUR 55 miljun.

Alternattiva 3: Id-dħul u n-nefqa tal-UE minn disa' KICs 2014-2020 jammontaw għal EUR 2 800 miljun. Din iċ-ċifra hija bbażata fuq suppożizzjonijiet tal-baġit meħtieġ biex jiġu konsolidati l-KICs eżistenti, żvilupp gradwali lejn KICs ġodda (tliet KICs ġodda sal-2015 u l-istess sal-2018) u baġit għall-EIT għall-ilħiq u t-tixrid, l-appoġġ ġenerali lill-KICs u n-nefqa amministrattiva tal-EIT. Il-baġit jirrifletti l-istadji differenti ta' żvilupp tad-disa' KICs. In-nefqa se tkun l-akbar fl-aħħar snin billi l-istabbiliment tal-KICs diversi għandu jibda wieħed wieħed. In-nefqa tar-riżorsi proprja tal-KICs għandha tilħaq madwar EUR 6 100 miljun. L-EIT HQ għandu jkollu dħul u nefqa fl-istess perjodu ta' madwar EUR 100 miljun.

⁴ Il-fażijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tal-KIC ikopru l-fażijiet li ġejjin:

- fażi ta' "twaqqif" ta' sentejn: dan huwa żmien biex il-KIC torganizza ruħha, tistabbilixxi l-istrutturi finanzjarji u legali meħtieġa kif ukoll tirrekluta persunal kruċjali. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet reali tal-KIC jibdeu l-aktar fit-tieni sena tal-implimentazzjoni.
- fażi ta' "żvilupp" ta' tliet snin: huwa meqjus li l-KIC diġà tkun stabbilita u bdiet timplimenta l-attivitajiet ewlenin tagħha, iżda tkun għada tespandi b'mod dinamiku f'termini tal-ambitu tal-attivitajiet u l-għadd ta' imsieħba. Dan iwassal għal żieda sostanzjali tal-baġits tal-KIC.
- fażi ta' "ritmu b'saħħtu" ta' sitt snin: il-KIC għandu struttura stabbli b'ambitu ta' attivitajiet definiti b'mod ċar. d) fażi ta' "ksib ta' sostenibbiltà" ta' erba' snin: l-attivitajiet tal-KIC huma simili għall-fażi ta' ritmu b'saħħtu filwaqt li l-kontribuzzjoni tal-EIT se tonqos bil-mod il-mod biex b'hekk il-KIC ikollu jiżgura sorsi oħra ta' dħul.

7. Paragun tal-alternattivi

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-impatti (mid-DĠ-intern u minn konsulent estern), saru konklużjonijiet fir-rigward tal-qawwiet u dgħjufijiet tal-alternattivi individwali u l-abbiltà tagħhom li jiksbu l-għanijiet imsemmijin aktar 'il fuq. L-alternattivi diversi tqabblu wkoll fir-rigward tal-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza tagħhom. Fl-aħħar nett, ġew eżaminati xi riskji possibbli assoċjati mal-alternattivi diversi. Ir-riżultati huma kif ġej:

L-Alternattiva 1 ma taħdimx kontra l-għanijiet tal-EIT meta titqabbel max-xenarju bażi. Il-karatteristika ewlenija tagħha ta' benefiċċju hija li ma tinvolvi l-ebda nefqa tal-UE, filwaqt li tisfrutta l-benefiċċji tal-investimenti fil-KICs fil-passat. Dawn il-benefiċċji se jonqsu matul il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali li ġej. Li kieku hemm evidenza ta' nuqqas governattiv serju fir-rigward tal-EIT, bħal pereżempju d-deadweight, l-esklużjoni tal-investimenti jew l-investimenti li ma marrux fejn suppost, L-Alternattiva 1 toffri benefiċċji addizzjonali. Madankollu, l-evalwazzjoni esterna tal-EIT ma sabet l-ebda evidenza ta' tali nuqqasijiet.

L-ispejjeż amministrattivi ta' din l-alternattiva se jonqsu b'mod sinifikanti billi l-attivitajiet tal-EIT huma preżunti li jieqfu. L-ispejjeż tan-nefqa amministrattiva, li jkopru n-nefqa tal-persunal, amministrattiva, tal-infrastruttura u operattiva, sal-waqfien tal-attivitajiet tal-EIT mhux se jaqbżu l-1 % tal-Baġit tal-EIT.

L-Alternattivi 2 u 3 huma dawk li jissodisfaw l-aktar l-għanijiet tal-EIT. L-impatt tal-Alternattiva 2 huwa akbar minn dak tal-Alternattiva 2 minħabba l-iskala akbar tagħha. L-iskala tal-Alternattiva 4 tipprova benefiċċju ulterjuri minħabba li tiġi inqas affettwata mid-dgħjufija potenzjali tan-netwerks eżistenti ta' privileġġ. Din id-dgħjufija hija relattivament akbar għall-Alternattiva 2. Il-kost-effiċjenzja tal-Alternattiva 2 hija akbar mill-Alternattiva 1 minħabba li l-EIT se jżomm l-iskala tal-operazzjoni. L-ispejjeż ta' implimentazzjoni se jonqsu b'mod proporzjonali wkoll għax se jkun mxerrda mal-għadd reali tal-KICs. L-ispejjeż amministrattivi tal-alternattiva mhux se jiżiedu b'mod sinifikanti. L-ispejjeż tan-nefqa amministrattiva, li jkopru n-nefqa tal-persunal, amministrattiva, tal-infrastruttura u operattiva, mhux se jaqbżu t-2 % tal-Baġit tal-EIT.

L-Alternattiva 3 għandha konsegwenzi pożittivi f'termini tat-titjib tal-profil internazzjonali tal-EIT, u b'mod l-aktar sinifikanti, fil-qsim tal-għarfien iġġenerat ġewwa l-EIT mal-atturi u l-aġenti esterni. B'mod partikolari, l-Alternattiva 3 toffri mezz biex jitnaqqsu xi wħud mill-iżbilanċi territorjali assoċjati mal-Alternattiva 2. Il-kost-effiċjenzja tal-Alternattiva 3 hija akbar mill-Alternattiva 2 minħabba li l-EIT laħaq skala tal-operazzjoni aktar effiċjenti. L-ispejjeż ta' implimentazzjoni se jonqsu b'mod proporzjonali wkoll għax se jkun mxerrda ma' għadd akbar ta' KICs. L-ispejjeż tan-nefqa amministrattiva, li jkopru n-nefqa tal-persunal, amministrattiva, tal-infrastruttura u operattiva, mhux se jaqbżu t-2,16 % tal-Baġit tal-EIT.

L-Alternattiva 3 għandha żewġ dgħjufijiet. L-ewwel nett, l-iskala tagħha tista' tibda ġġib magħha tgħawwiġ fis-suq. Dan ma jkunx il-każ fl-Alternattiva 1 u jkun inqas probabbli fl-Alternattiva 2. It-tieni nett, issaħħaħ iċ-ċentri ta' eċċellenza eżistenti u hemm riskju li ssaħħaħ id-diskrepanzi attwali fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni relattiva bejn ir-reġjuni tal-UE. Madankollu, huwa maħsub li l-EIT se jkun jista' jnaqqas dawn l-effetti billi jieħu azzjoni xierqa.

Fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, ***l-Alternattiva 3*** ***hija l-alternattiva preferuta.***

8. Monitoraġġ u evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-EIT⁵ għamlet għadd ta' rakkomandazzjonijiet qawwija fir-rigward tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-EIT u l-Kummissjoni għandha ssegwi dawn iż-żewġ fatturi fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Evalwazzjoni tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet enfasizzaw l-importanza li jiġu stabbiliti proċeduri ta' monitoraġġ b'saħħithom b'assoċjazzjoni mal-KICs, li l-EIT għandu jaġixxi bħala imsieħeb ta' sfida lill-KICs, u li l-EIT għandu jadotta kultura ta' "mentalità miftuħa". L-EIT għandu jipprova jiżviluppa kultura ta' evalwazzjoni kontinwa fl-EIT. Dan għandu jipprova jevalwa l-prattiki innovattivi li qed jiġu implimentati ġewwa l-KICs u bejniethom u jidentifika l-qligħ li qed jinkiseb mill-investimenti li saru. L-EIT għandu jipprova jhadem mal-KICs biex itejjeb il-prestazzjoni b'mod kontinwu u għandu jipprova jagħmel disponibbli l-tagħlimiet li kiseb biex jgħin fit-titjib tal-prestazzjoni f'partijiet oħrajn tal-UE>

B'reazzjoni għar-responsabbiltà tagħha, il-Kummissjoni timpenja ruħha bis-siġħ li tappoġġa lill-EIT fl-istabbiliment ta' sistema soda u solida ta' monitoraġġ ibbażata fuq ir-riżultati filwaqt li tirrispetta bis-siġħ ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-EIT u l-KICs. Minħabba f'hekk, huwa importanti li tfassal u timplimenta s-sistema ta' monitoraġġ mal-EIT fid-dawl ta' mill-inqas erba' fatturi determinanti:

- Il-livell tal-politika Ewropea: Il-ħtieġa ta' interfaċċja bejn l-EIT u s-sistema ta' monitoraġġ globali tal-Horizon 2020 u l-montiroaġġ tal-Unjoni tal-Innovazzjoni.
- Il-livell tal-Istitut tal-EIT: Grupp ta' indikaturi li jkejlu l-progress tal-proċessi u l-attivitajiet tal-EIT stess bħat-tixrid, l-ilħiq, l-iżvilupp tar-riżorsi umani. L-indikaturi għandhom jikkorrispondu għall-għanijiet ta' istituzzjoni effiċjenti u effettiva.
- Il-livell l-KICs kollha flimkien: Grupp komuni ta' indikaturi SMART applikabbli għall-KICs kollha, pereżempju permezz ta' żvilupp ulterjuri tat-tabella ta' valutazzjoni tal-EIT li għandu jiġi ġestit u applikat mill-EIT. L-indikaturi SMART għandhom jikkorrispondu għall-għanijiet tal-EIT.
- Il-livell tal-KICs individwali: Il-KICs għandhom diversi mudelli kummerċjali u swieq u għalhekk Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) industrijali differenti. Il-KPIs tal-KIC għandhom jitqiesu mill-EIT fil-kejl tal-progress miksub meta mqabbel mal-għanijiet stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Direzzjoni tan-Negozju annwali. Il-KPI tal-KIC għandu jikkorrispondu għall-għanijiet tal-KIC.

⁵ http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/evalreports/index_en.htm#educationHeader